MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 29/1997/1

**Avukat Dottoressa Veronica Aquilina bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera Monitor srl u b'digriet tas-17 ta' April, 1998 l-Avukat Dr. Veronica Aquilina giet sostitwita mal-PL Vera Lungaro Mifsud**

**Vs**

**Charles Farrugia ezercenti l-kummerc taht l-isem Industrial Domestic Supplies & Services**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet illi l-konvenut accetta zewg kambjali bin-numru JVF/1367/2/95 ghall-import ta' hamsa u ghoxrin miljun Liri Taljani (LIT 25 000 000) u kambjali bin-numru

JVF/1367/3/95 ghall-import ta' ghoxrin miljun Liri Taljani (LIT 20 000 000 ) liema kambjali skadew fit-30 ta' Gunju 1995 u fil-31 ta' Lulju, 1995 rispettivament;

Premess illi l-kambjali ma gewx onorati fl-intier ghaliex baqa' pagament xi jsir, ekwivalenti f'liri Maltin ta' hamsa u hamsin miljun, disa' mija u hamsa u tletin elf, u mitejn liri Taljani (LIT 55 935 200 );

Premess illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-bilanc ta' hamsa u hamsin miljun, disa mija u hamsa u tletin elf, u mitejn liri Taljani (Lit55 935 200) skond il-kambju kurrenti bhala bilanc ta' import ta' kambjali accettati u skaduti;

Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali u bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 39 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma bbazati fuq semplici fotokopja ta' kambjali.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' attrici ma kkonsenjatx lill-konvenut il-merkanzija kollha ordnata minnu, il-hlas ta' liema merkanzija kien iggarantit bil-kambjali, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Ili minghajr pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-

konvenut diga hallas lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija mibghuta lilu mis-socjeta' attrici u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** Charles Farrugia a fol. 43 tal-process fejn ippremetta:

Premess illi b'riferenza ghall-kuntratti bin-numri 932793 sa 932820 bejn is-socjeta' attrici u l-esponent ghar-rigward ta' 28 lifts li l-esponent kellu jissupplixxi lill-Gvern ta' Malta, is-socjeta' attrici baqghet fis-sena 1994 il-merkanzija b'nuqqasijiet li kellu jaghmel tajjeb ghalihom l-esponent fl-ammont ta' elfejn u tmien mitt lira Maltin (Lm2,800) kif ukoll minghajr spare parts li ghalihom il-Gvern naqqas mill-prezz l-ammont ta' mitejn lira (Lm200) ghal kull lift.

Premess illi b'riferenza ghall-kuntratti bin-numri 942789 u 942790 u 942793 sa 942796 bejn is-socjeta' attrici u l-esponent ghar-rigward ta' 6 lifts ordnati fis-sena 1994 li l-esponent kellu jissupplixxi lill-Gvern ta' Malta, is-socjeta' attrici baghtet lill-esponent zewg lifts biss bil-konsegwenza li l-esponent wehel penali imposta mill-Gvern ta' elfejn mija u erbghin lira Maltin minhabba dewmien kif ukoll sofra l-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) bhala differenza fil-prezz ghall-erba' lifts li gie kostrett jixtri minghand haddiehor.

Premess illi rigward il-kuntratti numri 942586 u 942788 tas-sena 1995 bejn is-socjeta' attrici u l-esponent ghar-rigward ta' 2 lifts, l-esponent gie ppenalizzat mill-Gvern l-ammont ta' elf tmien mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,822.14) minhabba d-dewmien tas-socjeta' attrici li tibghat il-lifts lil-esponent fiz-zmien miftiehem, is-socjeta' attrici ziedet il-prezz unilateralment bi tlett elef u hamsin lira Maltin (Lm3,750) kif ukoll baghtet il-liftcar tard u separatament li swiet lill-esponent erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm480) bhala spejjez tat-trasport zejda.

Premess illi rigward il-kuntratti numri 942787 u 943767 tas-sena 1995 bejn is-socjeta' attrici u l-esponent ghar-rigward ta' 2 lifts, is-socjeta' attrici ma baghtitx lill-esponent il-lift cabins u l-lift doors. Dawn kellhom jigu issupplixxiti mill-esponent b'telf ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000).

Premess illi rigward ordni ta' erba' lifts maghmula lis-socjeta' attrici mill-esponent li l-esponent kellu jissupplixxi lill-Gvern ta' Malta, is-socjeta' attrici baqghet ma baghtitx il-lifts lill-esponent nonostante li l-Gvern kien ghamel lis-socjeta' attrici letter of credit direttament, bil-konsegwenza illi l-Gvern ikkancella il-kuntratt ma' l-esponent u l-esponent tilef madwar tmintax-il elf disa' mija u sittin lira Maltin (Lm18,960) bhala profitti.

Premess illi minhabba l-agir tas-socjeta' attrici fuq premess, l-esponent garrab telf u huwa ntitolat ghar-risarciment tad-danni.

Dan premess tghid l-attrici rikonvenzjonata ghaliex din l-Onorabbli qorti m'ghandhiex :

1. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant bhala konsegwenza tal-fatt illi hija baghtet il-merkanzija lill-esponent b'dewmien u /jew nuqqasijiet, jew b'konsegwenza ta' zieda fil-prezz tal-merkanzija b'mod unilaterali minnha jew b'konsegwenza tal-fatt illi hija ma baghtitx il-merkanzija lill-esponent.

2. Tikkundannaha noe li thallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attrici nomine.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attrici noe ghall-kontro-talba** tal-konvenut a fol. 49 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma perenti u preskritti ai termini tal-artikolu 1431 u 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal permess it-talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu respinti stante li

a. Illi t-talba rikonvenzjonali ghall-hlas tad-danni hija rritwali in kwantu fl-azzjoni stimatorja ma tistax tintalab kundanna ghall-hlas tad-danni liema talba tista’ biss tigi proposta flimkien ma’ l-azzjoni redhibitorja.

b. Illi bla pregudizzju ghall-permess, mhux minu dak li qed jallega l-konvenut rikonvenzjonat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi huwa m’ghandux ibati spejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Kwantu ghat-talba attrici, l-attrici ma gabitx provi, la orali u lanqas dokumentarji, biex tipprova l-kreditu minnha pretiz. Ma hemmx indikazzjoni fil-process ta’ x’pagamenti saru mill-konvenut u x’bilanc fadallu jaghti; lanqas gie pruvat jekk il-merkanzija gietx konsenjata kollha. F’dina l-azzjoni kambjarja ma gewx ezibiti l-kambjali originali. L-ammont ta’ dawn il kambjali huwa ta’ LT 45,000.000 mentri t-talba hija ghall Lt 55,935.200. Inoltre dak li xehdet l-attrici huwa kollu detto del detto u minghajr ebda prova dokumentarja jew orali biex tikkorroboraha.

Ghalhekk it-talba attrici ma tistax tigi milqugha.

Kwantu ghal-kontrotalba tal-konvenut, dan qed jitlob li dina l-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnu bhala konsegwenza tal-fatt illi l-attrici baghtitlu l-merkanzija

b’dewmien u /jew nuqqasijiet, jew b’konsegwenza ta’ zieda fil-prezz tal-merkanzija b’mod unilaterali minnha jew b’konsegwenza tal-fatt illi hija ma baghtitx il-merkanzija.

L-attrici eccepiet ghal dina l-kontrotalba li din hija perenta a termini ta’ l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili u li t-talba rikonvenzjonali ghall-hlas tad-danni hija rritwali in kwantu fl-azzjoni stimatorja ma tistax tintalab kundanna ghall-hlas tad-danni liema talba tista’ biss tigi proposta flimkien ma’ l-azzjoni redhibitorja.

Fil-kaz in ezami t-talba rikonvenzjonali m’hiex bazata fuq l-azzjoni stimatorja jew redibitorja. Hi talba ghal danni minhabba dewmien, nuqqasijiet, u zieda fil-prezz. F’dan il-kaz ghalhekk japplika l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili li jipprovvdi li l-azzjoni ghall hlas tal-hsarat mhux kagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.

Il-kontrotalba giet prezentata fis-27 ta’ Lulju, 1998 (ara fol 89) u c-citazzjoni fit-8 ta’ Jannar 1997. Sat-12 ta’ April, 1995 (dok a fol 90) l-atturi ma kienux qed jichdu li huma kellhom ihallsu xi bilanc li ma giex ikkwantifikat. Imbaghad fil-21 ta’ Marzu 1996 il-kambjali gew protestati u l-konvenut kien irrisponda li “*This bill is not due as the drawer failed to deliver what he was bound to deliver*” fol 8. Dina kienet il-kontestazzjoni tal-konvenut u ma tissemma ebda kontestazzjoni ohra. Minn dak in nhar il-quddiem il-konvenut ma ghamel xejn aktar u beda jilmenta biss wara li l-attrici ipprocediet b’dina l-kawza kontra tieghu ghall pagament ta’ dawn il-kambjali.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-kontrotalba ta’ konvenut hija preskritta billi ghaddew aktar minn sentejn mill-ewwel darba li formalment il-konvenut ippretenda li m’ghandu jaghti xejn lill atturi. F’dak iz-zmien hu ma ressaq ebda pretensjoni ghal danni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi

tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha
u tichad il-kontrotalba tal-konvenut
bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------